

Paġna ewlenija>Teħid ta' azzjoni legali>Atlas Ġudizzjarju Ewropew dwar kwistjonijiet ċivili>L-Ordni Ewropea tal-Flas
L-Ordni Ewropea tal-Flas

Slovenja

L-Artikolu 29(1)(a) - Qrati b'ġurisdizzjoni

Il-qrati lokali (okrajna sodišča) u l-qrati distrettwali (okrožna sodišča) għandhom kompetenza.

L-Artikolu 29(1)(b) - Proċedura ta' reviżjoni

Il-qrati lokali u distrettwali għandhom kompetenza għal proċeduri ta' rieżami u l-applikazzjoni tal-Artikolu 20 tar-Regolament.

L-Artikolu 29(1)(c) - Mezzi ta' komunikazzjoni

Il-komunikazzjoni mal-qorti ssejtn bil-posta, b'mezzi elettroniċi, billi tiġi użata teknoloġija ta' komunikazzjoni, ikkonsenjata direttament lill-qorti jew ikkonsenjata minn persuna ingaġġata professjonalment permezz ta' sottomissjoni ta' applikazzjonijiet (fornitur kummerċjali) (Artikolu 105(b) tal-Att dwar il-Proċedura Ċivili (minn hawn 'il quddiem: ZPP), *Uradni List RS* (UL RS; (Gazzetta Uffiċjali tar-Repubblika tas-Slovenja), Nri 73/07 – verżjoni uffiċjali kkonsolidata, 45/08 – Att dwar l-Arbitraġġ (ZArbit), 45/08, 111/08 – Deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjoni, 57/09 – Deċ. CC, 12/10 – Deċ. CC, 50/10 – Deċ. CC, 107/10 – Deċ. CC, 75/12 – Deċ. CC, 40/13 – Deċ. CC, 92/13 – Deċ. CC, 10/14 – Deċ. CC u 48/15 – Deċ. CC, 13.8.2007, p. 10425).

L-Artikolu 29(1)(d) - Lingwi aċċettati

Il-lingwi uffiċjali huma **s-Sloven** u ż-żewġ lingwi nazzjonali minoritarji, li jiġu użati uffiċjali fil-qrati f'postijiet fejn iġixxu dawn il-minoritajiet nazzjonali (Artikoli 6 u 104 ZPP). Il-lingwi nazzjonali minoritarji huma **t-Taljan u l-Ungeriż**.

Il-postijiet ta' ċittadinanza mħallta huma ddefiniti mill-Att dwar l-Istabbiliment tal-Muniċipalitajiet u l-Konfini Muniċipali (UL RS, Nri 108/06 - verżjoni uffiċjali kkonsolidata u 9/11; minn hawn 'il quddiem: ZUODNO). L-Artikolu 5 ZUODNO jipprevedi li: "Il-postijiet ta' ċittadinanza mħallta abbażi ta' dan l-att huma ddefiniti *per se* mill-istatuti muniċipali attwali ta' Lendava, HodošŠalovci, Moravske Toplice, Koper, Izola u Piran."

L-aħħar aġġornament: 27/03/2017

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.